# IL-WARDA U JIEN

Imbewwsa min-nida tal-għodwa sajfija,
imbenna mill-fewġa tar-riħ mellisija,
bi dlielek imlewwen, ja warda mistħija,
sabiħa,
xi fwieħa
tarmili mal-ġnien !

Kif niftaħ għajnejja, u mit-tieqa tal-kamra,
narak titbissimli.... titfawwar, hekk ħamra,
tikbisli ġo qalbi mill-ġdid dik il-ġamra
ta' dari....
—l-lum rari—
....u ninsa liż-żmien !

Narani tarbija, fissud ta' missieri,
fin-nieqa nitbandal bla naf x'jiġifieri:
narani f'żgħużiti nitlewwem, immieri :
narani
daħkani,
fuq ruħi, ħarkien....

U mħannen fil-fakra ferrieħa, ħalliema,
nitniegħes sal-għabex, imħenni fis-sliema,
nixtieqha bla temma, nixtieqha dejjiema....
u msaħħar,
saflaħħar....
nistenbaħ seħwien,

u nħares madwari.... Narani nissajja
biex naħtaf waqt wieħed ta' sliema fil-ħajja
li dejjem taħrabli.... Narani nitlajja,...
nintena....
ninfena....
u nħossni għajjien!

U xħin niġi nsibek, ja warda sabiħa,
ħa nġedded ġo qalbi xi tama ferrieħa,
insibek imgħajba, mitbiela, bla fwieħa....
mitluqa....
miħluba....
fil-ħemda tal-ġnien !

....Imbewwsa min-nida tal-lejla sajfija,
imbenna mill-fewġa tar-riħ mellisija,
bi dlielek imnewwen, ja warda mistħija,
għall-qieraħ
tal-bieraħ
ej' nibku flimkien !....

ERIN SERRRACINO-INGLOTT

18-2-'43